

Brussell, 20 ta' Novembru 2017  
(OR. en)

8477/1/17  
REV 1

AGRI 215  
AGRILEG 90  
AGRIFIN 43

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM (2017) 189 final/2
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL Rapport 2011-2015 dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna nazzjonali fit-tul għall-agrikoltura fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Finlandja u tal-lżvezja skont id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2009/3067 u 2010/6050

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM (2017) 189 final/2.

---

Mehmuż: COM (2017) 189 final/2



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.11.2017  
COM(2017) 189 final/2

## CORRIGENDUM

The present document corrects document COM(2017) 189 final of 24.4.2017. The changes concern all language versions. The reason for the corrigendum is that revised data for Sweden has been received. The figures in the tables on Page 12 have been updated accordingly. These corrections do not affect the conclusions of the document COM(2017) 189 final of 24.4.2017.

The corrected text shall read as follows:

### **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Rapport 2011-2015 dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna nazzjonali fit-tul għall-agrikoltura fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Finlandja u tal-Iżvezja skont id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2009/3067 u 2010/6050**

## WERREJ

<b>1. DAĦLA .....</b>	<b>3</b>
<b>2. PRINĊIPJI ĠENERALI TAL-GĦAJNUNA NORDIKA.....</b>	<b>3</b>
2.1. Għanijiet tal-Għajnuna .....	3
2.2. Awtorizzazzjonijiet tal-Kummissjoni .....	3
2.3. Reġjuni koperti mill-Għajnuna .....	3
2.4. Rabta mal-produzzjoni .....	4
<b>3. RIFORMA TAL-ISKEMA TAL-GĦAJNUNA NORDIKA.....</b>	<b>4</b>
<b>4. GĦAJNUNA NORDIKA FIL-FINLANDJA 2011-2015 .....</b>	<b>5</b>
4.1. Awtorizzazzjonijiet mogħtija.....	5
4.2. Għajnuna mogħtija.....	7
4.3. Volumi ta' produzzjoni fiż-żona li tirċievi l-Għajnuna Nordika.....	9
4.4. Żvilupp tal-ekonomija agrikola fir-reġjun tal-Għajnuna Nordika .....	10
<b>5. GĦAJNUNA NORDIKA FL-IŻVEZJA 2011-2015.....</b>	<b>12</b>
5.1. Awtorizzazzjonijiet mogħtija.....	12
5.2. Għajnuna mogħtija.....	14
5.3. Volumi ta' produzzjoni fiż-żona li tirċievi l-Għajnuna .....	16
5.4. Żvilupp tal-ekonomija agrikola fir-reġjun li jirċievi l-Għajnuna .....	16
<b>6. KONKLUŻJONIJIET .....</b>	<b>17</b>
6.1. Il-Finlandja.....	17
6.2. L-Iżvezja .....	18

## **1. INTRODUZZJONI**

Skont l-Artikolu 142 tal-Att ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja, il-Kummissjoni awtorizzat lill-Finlandja u lill-Iżvezja<sup>1</sup>, biex jagħtu għajjnuna nazzjonali fit-tul għall-agrikoltura fir-reġjuni tat-Tramuntana, bl-iskop li tiżgura li tibqa' ssir l-attività agrikola. Din l-għajjnuna tissejjaħ l-għajjnuna Nordika ("l-Għajjnuna").

Dan ir-rapport jiġi ppreżentat lill-Kunsill f'konformità mar-rekwiżit ta' rappurtar tal-Artikolu 143 tal-Att ta' Adeżjoni, fejn huwa stipulat li l-Kummissjoni, sena wara l-adeżjoni u sussegwentement kull ħames snin, għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija u r-riżultati tal-għajjnuna mogħtija fil-kuntest tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija. Ir-rapporti preċedenti saru fl-1996, fl-2002<sup>2</sup>, fl-2007<sup>3</sup> u fl-2012<sup>4</sup>.

## **2. PRINĊIPJI ĠENERALI TAL-GĦAJNUNA NORDIKA**

### **2.1. Għanijiet tal-Ghajjnuna**

L-Għajjnuna tingħata, b'mod partikolari, sabiex tiġi kkonservata l-produzzjoni tradizzjonali primarja u l-ipproċessar naturalment adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi tar-reġjuni, ittejjeb l-istrutturi għall-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, tiffaċilita d-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti u tiżgura li l-ambjent ikun protett u l-kampanja kkonservata.

### **2.2. Awtorizzazzjonijiet tal-Kummissjoni**

L-Għajjnuna hija awtorizzata minn Deċizzjonijiet tal-Kummissjoni<sup>5</sup> separati għall-Finlandja u l-Iżvezja rispettivament. Il-ħlas massimu annwali awtorizzat għall-Finlandja huwa attwalment EUR 382 miljun. Għall-Iżvezja, il-ħlas massimu annwali awtorizzat jammonta għal SEK 318.67 miljun (madwar EUR 35 miljun)<sup>6</sup>.

Il-kundizzjonijiet bażiċi huma stabbiliti fl-Artikolu 142 tal-Att ta' Adeżjoni; l-ammont totali tal-għajjnuna mogħtija jenħtieġ li jkun suffiċjenti biex tiġi konservata l-attività agrikola fiżżjoni tat-Tramuntana iżda ma jistax iwassal għal appoġġ ġenerali li jaqbeż il-livell ta' appoġġ li jkun hemm matul perjodu ta' referenza ta' qabel l-adeżjoni, definit fl-awtorizzazzjonijiet. Barra minn hekk, b'rabta mal-livelli ta' referenza, kif determinati mill-Kummissjoni, l-għajjnuna ma tistax tkun marbuta ma' produzzjoni futura jew twassal għal żieda fil-produzzjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU C 241, 29.08.1994

<sup>2</sup> Il-Finlandja COM(2002) 102, 25.02.2002, l-Iżvezja COM(2002) 105, 01.03.2002

<sup>3</sup> Il-Finlandja COM(2007) 459, 31.7.2007, l-Iżvezja COM(2007) 416, 31.7.2007

<sup>4</sup> COM (2012) 358 final tad-29.6.2012

<sup>5</sup> L-ewwel Deċizzjoni dwar il-Finlandja ġiet adottata fl-1995 (95/196/KE), riformulata bid-Deċizzjoni 2002/404/KE u bid-Deċizzjoni C(2009)3067. Din id-Deċizzjoni ġiet emendata l-aħħar bid-Deċizzjoni C(2015)2790. L-ewwel Deċizzjoni dwar l-Iżvezja ġiet adottata fl-1996 (96/228/KE) u riformulata bid-Deċizzjoni C(2010)6050 li l-aħħar li ġiet emendata kien fl-2015 bid-Deċizzjoni C(2015)6592. Din l-aħħar deċizzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016 u l-bidliet tagħha għalhekk ma għandhomx impatt fuq il-perjodu ta' ħames snin irrappurtat f'din il-Komunikazzjoni.

<sup>6</sup> Ir-rata tal-kambju użata f'dan ir-rapport hija SEK/EUR 9.0.

### 2.3. Reġjuni koperti mill-Għajnuna

Ir-reġjuni koperti bl-iskema tal-Għajnuna huma definiti fid-Deċiżjonijiet rispettivi u jinsabu fit-Tramuntana tat-62 parallel u f'xi żoni qrib li jinsabu fin-Nofsinhar tal-parallel affettwati minn kundizzjonijiet klimatiċi li jixxiebu u li jagħmlu l-attività agrikola pjuttost diffiċli. Il-fatturi kkunsidrati meta jiġu determinati ż-żoni huma densità baxxa ta' popolazzjoni (massimu ta' 10 residenti/km<sup>2</sup>), Żona Agrikola Użata (ŻAU) bħala proporzjon taż-żona totali (<10 %), żona agrikola użata għall-kultivazzjoni tal-għelejjel maħsuba għall-konsum uman bħala proporzjon tal-ŻAU ( $\leq 20$  %), u muniċipalitajiet imdawra b'muniċipalitajiet oħra li jinsabu fi hndan żoni diġà msemmija qabel (anke meta ma jissodisfawx l-istess rekwiżiti).

Fil-Finlandja, iż-żona li tirċievi l-Għajnuna rrapportata f'din il-Komunikazzjoni tkopri 1 417 140 ettaru tal-ŻAU (55.5 % tal-ŻAU totali) u fl-Iżvezja 335 881 ettaru tal-ŻAU (11 % tal-ŻAU totali).




Figura 1: Żoni li jingħataw l-appoġġ fil-Finlandja (C1-C4) u l-Iżvezja (1-3)

### 2.4. Rabta mal-produzzjoni

L-Għajnuna hija limitata għal oqsma speċifiċi tal-agrikoltura, hekk kif definit għal kull Stat Membru fid-Deċiżjoni rispettiva.

L-Għajnuna tingħata abbażi ta' unitajiet ta' produzzjoni, unitajiet ta' bhejjem (LU) jew ettari, bl-eċċezzjoni tal-appoġġ għall-ħalib u t-trasport tiegħu, fejn jiġu appoġġjati l-kwantitajiet imqas u trasportati. L-għajnuna tal-Finlandja għar-renni tingħata abbażi ta' kull animal.

Kif iddikjarat aktar qabel, b'rabta mal-perjodu ta' referenza, l-għajnuna ma tistax tkun marbuta ma' produzzjoni futura jew twassal għal żieda fil-produzzjoni. Il-perjodi ta' referenza huma stipulati fid-Deċiżjoni rispettiva għal kull Stat Membru skont il-qasam. Il-kwantità ta' referenza għall-produzzjoni tal-ħalib fil-Finlandja għiet, bosta drabi, ikkonformata mal-iżviluppi marbuta mal-Politika Agrikola Komuni (PAK) fir-rigward tal-qasam tal-ħalib. Madankollu, ir-reviżjoni tal-2009-2010 tal-iskema tal-Għajnuna tal-Finlandja neħħiet ir-rabta bejn il-kwoti tal-ħalib individwali tal-PAK u l-ħlasijiet tal-għajnuna. Minflok, introduċiet

restrizzjoni, applikata sa tmiem is-sistema tal-kwoti tal-ħalib, biex tali għajnuna ma titħallasx għal kull kwantità tal-ħalib fir-reġjun, suġġetta għal imposta għaż-żejjed.

### 3. RIFORMA TAL-ISKEMA TAL-GĦAJNUNA NORDIKA

Wara evalwazzjoni tal-Iskema finalizzata fl-2007 twettqet reviżjoni li kellha l-għan li tissimplifika l-iskemi u tikkonforma l-awtorizzazzjonijiet mal-għanijiet tal-Att ta' Adeżjoni. Fir-rigward tas-simplifikazzjoni, ir-riformulazzjonijiet iffinalizzati fl-2009 u fl-2010 għabru flimkien mill-ġdid oqsma differenti ta' produzzjoni u speċifikaw ir-rati ta' għajnuna medja massima għaż-żoni kollha tal-Finlandja u tal-Iżvezja li jirċievu l-għajnuna, rispettivament.

Rigward l-ikkonformar tal-awtorizzazzjonijiet mal-għanijiet stabbiliti fl-Att ta' Adeżjoni, ir-reviżjoni tal-awtorizzazzjonijiet ta' produzzjoni u ta' pagamenti wasslet għal tnaqqis tal-awtorizzazzjoni tal-pagament annwali massimu għall-Finlandja minn EUR 448.59 miljun għal EUR 358-il miljun. Ukoll, l-għajnuna lill-oqsma tal-ħnieżer u t-tjur inqatgħet għaliha mit-tip ta' produzzjoni. Fl-2009 ġie introdott kumpens għad-danni tal-predaturi. Dan il-kumpens ġie abolit fl-2015.

Rigward iż-żona tal-Iżvezja li tirċievi l-Għajnuna, ir-reviżjoni żvelat li l-livelli ta' produzzjoni fis-snin ta' qabel kienu qed jonqsu. Wara proposta mill-awtoritajiet Żvediżi, ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni ffinalizzata fl-2010 tippermetti li l-għajnuna tiġi kkonċentrata fuq il-produzzjoni li għad fadal biex jitwaqqaf dan it-tnaqqis. Fl-2013 ġiet introdotta emenda addizzjonali li inkludiet fl-Għajnuna Nordika l-għajnuna statali ta' qabel lill-bdiewa li jkabbru l-patata, bil-limitu massimu ġenerali jibqa' mhux mimsus.

### 4. GĦAJNUNA NORDIKA FIL-FINLANDJA 2011-2015

#### 4.1. Awtorizzazzjonijiet mogħtija

Id-Deċiżjoni C(2009)3067 awtorizzat għajnuna massima annwali li tammonta għal EUR 358 miljun mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2014. Id-Deċiżjoni C(2015)2790 tapplika mill-1 ta' Jannar 2015 u tawtorizza ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 382 miljun, kif jidher fit-Tabella 1. L-għajnuna totali annwali massima żdiedet peress li l-EUR 24 miljun disponibbli permezz tal-Artikolu 182(7) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ("Kontroll tas-Saħħa") ġew eżawriti f'Frar 2014. F'dik id-Deċiżjoni l-unità ta' għajnuna massima u l-għajnuna totali mogħtija għar-ruminanti wkoll żdiedu sabiex ikun hemm inċentiv biex ma tonqosx il-produzzjoni.

**Tabella 1: Għajnuna annwali awtorizzata skont id-Deċiżjoni C(2015)2790**

		Għajnuna medja massima permessa/unità <sup>1)</sup>	L-unità	Għajnuna massima permessa (EUR mil) <sup>2)</sup>	Numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli
<b>1. ĦALIB</b>		10.9	ċenteżimi/kg	193.7	1 776 765 t. <sup>3)</sup>

<b>2. RUMINANTI</b>				97.7	
Bovini	4)	546	EUR/LU		181 000 LU
Nagħaġ u mogħoż		584	EUR/LU		
Żwiemel		252	EUR/LU		
<b>3. ĦNIEŻER U TJUR</b>	5)	266	EUR/LU	37.0	
<b>4. ORTIKULTURA</b>				25.4	
Serer	6)	11.3	EUR/m <sup>2</sup>		202.9 ħa
Ħażna ta' prodotti ortikulturali	7)	18.5	EUR/m <sup>3</sup>		
<b>5. PRODUZZJONI TAL-GĦELEJJEL</b>				58.3	
Għajnuna ġenerali għal kull ettaru	8)	37	EUR/ettaru		881 825 ettari
Għajnuna għal ċerti għelejjel	9)	145	EUR/ettaru		62 475 ettari
Għajnuna għal bdiewa żgħażaġh	10)	36	EUR/ettaru		
<b>6. GĦAJNUNA OĦRA</b>				14.9	
Renni	11)	36	EUR/animal		171 100 animal
Għajnuna għal-trasport ta' ħalib u laħam	12)				
Servizzi ta' salvagwardja għall-produzzjoni tal-bhejjem	13)				
Għajnuna għall-ħażna ta' berries u faqqieġh salvaġġ	14)	0.10–0.42	f'EUR/Kg		
Għajnuna oħra	15)				

- 1) L-ghajjnuna għal kull unità tista' tkun differenzjata skont ir-reġjun fil-limiti tal-medja massima.
- 2) Għajjnuna massima permessa ta' EUR 382 miljun fis-sena.
- 3) Massima eliġibbli għal kull sena kalendarja u għas-sena ta' kwota 2014/2015.
- 4) Baqar li jreddgħu, erħiet li jreddgħu, bovini rġiel > 6 xhur u erħiet maqtula kif ukoll barrin u gniedes maqtula fir-reġjuni li jirċievu l-appoġġ C3 u C4.
- 5) Għajjnuna maqtugħa għaliha. Kwantità ta' referenza mhux aktar minn 139 200 LU
- 6) L-ghajjnuna għall-produzzjoni fis-serer tista' tkun differenzjata skont it-tul ta' żmien tat-tkabbir.
- 7) L-ghajjnuna tista' tkun differenzjata skont l-istandard tekniku tal-faċilità ta' ħżin.
- 8) Għajjnuna ġenerali għal kull ettaru għaż-żona agrikola użata (ŻAU) b'appoġġ għar-reġjuni C2–C4.
- 9) Abbażi taż-żona ta' kultivazzjoni taċ-ċereali (ħlief għax-xhir, għall-ħafur u ċereali mħalltin) u għelejjel oħrajn (żrieragħ żejtnija u għelejjel oħrajn taż-żejt, għelejjel tal-proteina u tal-fibra), pitravi, patata tal-lamtu u tuffieħ b'appoġġ għar-reġjuni C1, C2 u t-tramuntana ta' C2. L-ghajjnuna għal ħxejjex imkabbra fil-beraħ tista' titħallas b'appoġġ għar-reġjuni C1–C4.
- 10) Għajjnuna għal bdiewa żgħażagħ għaż-żona agrikola użata (ŻAU) b'appoġġ għar-reġjuni C1–C4.
- 11) Fir-reġjuni li jirċievu l-appoġġ C3 u C4.
- 12) Ħalib: Kainuu u l-Provinċja ta' Lapland u Koillismaa (Il-Grigal tal-Finlandja). Laħam: Il-provinċja ta' Lapland.
- 13) L-ghajjnuna tista' titħallas għal servizzi ta' manutenzjoni tal-kundizzjonijiet tal-operat tal-produzzjoni tal-bhejjem f'żoni fejn id-distanzi huma itwal mill-medja.
- 14) Ammont massimu ta' ghajjnuna: L-ghajjnuna tingħata għal kwantitajiet maħżuna fl-aħħar ta' Ġunju sal-ammonti massimi li ġejjin, EUR 0.34 kull kg għall-cloudberryes salvaġġ, EUR 0.10 kull kg għall-kukku salvaġġ ieħor u EUR 0.42 kull kg għall-faqqiegħ salvaġġ.
- 15) Skolts, għajxien li jiddependi minn ambjent naturali u trobbija tar-renni. "

## 4.2. Ghajjnuna mogħtija

### *Ghajjnuna Nordika*

Matul is-snin 2011-2015 l-ghajjnuna annwali totali mħallsa kienet ta' bejn EUR 336.1 u 310 miljun (Tabella 2).

**Tabella 2: Ghajjnuna Nordika mogħtija fil-Finlandja (mEUR)**

Qasam appoġġjat	2011	2012	2013	2014	2015
Ħalib	161.1	161.1	161.1	167.5	170
Ruminanti	71.1	70	69.7	70.3	70.1
Ħnieżer, tjur	30.84	26.41	20.85	20.26	18.5
Ortikultura	21.3	19.5	18.0	18.9	17.5
Produzzjoni ta' għelejjel	41.11	39.94	38.93	36.64	19.2
Ghajjnuna oħra	10.7	12	14.1	15.5	14.7
<b>Totali</b>	<b>336.1</b>	<b>329</b>	<b>322.8</b>	<b>329.1</b>	<b>310.1</b>

Għajr għal pagament żejjed ta' EUR 0.6 ta' miljun fl-2014 fil-kategorija “għajjnuna oħra”, l-għajjnuna Nordika mogħtija fil-Finlandja żammet mal-livelli massimi stabbiliti fid-Deċiżjonijiet. Ta' min jinnota li għal daww l-oqsma fejn il-produzzjoni totali qabżet in-numru awtorizzat ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli, beda japplika tnaqqis pro-rata tal-għajjnuna għal kull unità ta' fattur ta' produzzjoni, biex jiġi rispettata il-limitu finanzjarju awtorizzat mid-Deċiżjoni. Fir-rigward tal-pagament żejjed fil-kategorija “għajjnuna oħra”, żieda mhux mistennija ta' kumpensi għall-ħsara mill-predaturi ta' bejn EUR 6.83 miljuni (2013) sa EUR 8 miljuni (2014) ġiet identifikata bħala l-kawża. Fl-2015 kumpensi bħal dawn tneħħew mill-ambitu tad-deċiżjoni dwar l-għajjnuna Nordika.

#### *Appoġġ totali fiż-żona tal-għajjnuna Nordika*

L-agrikoltura fiż-żoni li jirċievu l-appoġġ fl-Iskema ta' għajjnuna tibbenefika wkoll minn strumenti ffinanzjati mill-UE, b'mod partikolari miż-żewġ pilastru fil-kuntest tal-PAK. Minn fost il-miżuri tat-tieni pilastru, l-appoġġ għal żoni żvantaġġati (LFA, mill-2014 ANC) u l-miżuri agroambjentali (AE) huma ta' importanza partikolari għall-qasam agrikolu fiż-żoni li jirċievu l-appoġġ. Id-Deċiżjoni C 2000/405<sup>7</sup> iffissat il-livell massimu ta' appoġġ annwali totali fiż-żona tal-Għajjnuna għal EUR 1118.9 miljun (il-livell tal-1993). It-tabella 3 turi li l-għajjnuna mogħtija fiż-żona tal-Għajjnuna fis-snin 2011-2015 skont il-bażi legali użata, kienet tirrispetta l-livell massimu stabbilit fid-Deċiżjoni.

---

<sup>7</sup> ĠU L 154, 27.6.2000, p.23

**Tabella 3: Sommarju tal-ghajjnuna annwali totali mogħtija fil-Finlandja, inkluż ghajjnuna tal-UE (mEUR)**

Sena	Ghajjnuna diretta, iffinanzjata kompletament mill-UE	LFA (ANC), inkluż ghajjnuna nazzjonali skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat	Appoġġ AE	Ghajjnuna Nordika	Totali
2011	274.2	311.5	177.3	336.1	1099.1
2012	272.3	312.3	203.8	329.0	1117.4
2013	258.9	311.3	193.2	322.8	1086.2
2014	253.5	309.9	174.4	329.1	1066.9
2015	212.7	276.5	146.7	310.1	946.0

#### 4.3. Volumi ta' produzzjoni fiż-żona li tirċievi l-ghajjnuna Nordika

##### *Qasam tal-ħalib*

Madwar 80 % tal-ħalib fil-Finlandja jiġi prodott fiż-żona li tirċievi l-Ghajjnuna (dejta tal-2014). Il-produzzjoni hija kkonċentrata fiż-żona C2.

Matul il-perjodu ta' ħames snin, il-produzzjoni tal-ħalib żdiedet b'4 % fiż-żona Nordika li tirċievi l-ghajjnuna. F'żoni oħra tal-Finlandja l-produzzjoni naqset b'1.5 %. Il-produzzjoni tal-ħalib kienet l-ogħla matul l-2014/2015 u l-anqas fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2012/2013 (1 874.2 vs. 1 774.5 elf tunnellata). Il-produzzjoni qabżet il-livell ta' referenza stabbilit fis-snin kollha ta' kummerċjalizzazzjoni għajr l-2012/2013. L-eċċess fl-2014/2015 kien dak ta' 5.5 %.

##### *Ruminanti*

Id-Deċiżjoni riveduta tal-2009 li tawtorizza l-ghajjnuna ġabret flimkien il-fatturi ta' produzzjoni għall-bovini, nagħaġ, mogħoż u żwiemel.

Il-produzzjoni tal-laħam taċ-ċanga naqset fl-2012 u fl-2013 fiż-żoni Nordiċi kollha ta' ghajjnuna u t-tnaqqis issokta fiż-żoni l-aktar estremi tat-Tramuntana fl-2014, filwaqt li żdiedet bi ftit fiż-żoni C1 u C2 fl-2014 u fiż-żoni kollha fl-2015. Il-livell tal-2015 kien ogħla mill-livell tal-2011 fil-partijiet kollha tal-pajjiż. Mill-produzzjoni nazzjonali taċ-ċanga ta' 85.8 miljun kg (2015) 68.5 miljun kg kienu fiż-żona ta' Ghajjnuna, b'mod partikolari fiż-żona C2 minħabba r-rabta mill-qrib bejn il-produzzjoni taċ-ċanga u dik tal-ħalib. Il-produzzjoni ġenerali tar-ruminanti baqgħet taħt in-numru massimu eliġibbli ta' fatturi ta' produzzjoni (unitajiet ta' bhejjem) matul il-perjodu kollu ta' rappurtar.

##### *Ħnieżer u tjur*

Il-produzzjoni tal-ħnieżer naqset minn 93.6 għal 87.7 miljun kg bejn l-2011 u l-2014 u kienet taħt il-livelli tal-2005. Fil-bqija tal-pajjiż it-tnaqqis fil-produzzjoni kien pjuttost akbar. Madwar 70 % tal-produzzjoni tal-laħam tal-majjal isseħħ f'żoni li jipproduċu ċ-ċereali fin-

nofsinhar estrem tas-sottoreġjuni (C1) li jirċievu l-Għajnuna, fejn anki l-produzzjoni tat-tjur hija kkonċentrata. Il-produzzjoni tal-laħam tat-tjur żdiedet b'mod kontinwu, minn 34.9 għal 43.9 miljun kg mill-2011-2014. Ir-rata tat-tkabbir kienet oġhla minn dik li tinsab 'il barra miż-żona tal-Għajnuna. Mill-2009 'il quddiem, l-Għajnuna għal dan il-grupp ma baqgħetx iktar marbuta mal-produzzjoni bil-kwantità ta' referenza ta' 139 200 LU. Dan il-livell ma nqabiżx fil-perjodu 2011-2015.

#### *Ortikultura*

L-Għajnuna għall-ortikultura tingħata għall-produzzjoni fis-serer u l-ħażna ta' prodotti ortikulturali. Il-produzzjoni hija kkonċentrata fiż-żona C1 (madwar 74 % tal-produzzjoni totali). Naqset minn madwar 202 ettaru għal 194 ettaru fil-perjodu 2011-2015. 'Il barra miż-żona ta' Għajnuna l-produzzjoni naqset kemxejn aktar. Il-livell annwali ta' referenza għall-produzzjoni ortikulturali fiż-żona ta' Għajnuna ma nqabiżx.

#### *Produzzjoni ta' għelejjel*

L-Għajnuna għall-produzzjoni tal-għelejjel tinkludi "l-għajnuna ġenerali għal kull ettaru", "l-għajnuna għall-bdiewa żgħażaġh" u "l-għajnuna għal ċerti għelejjel", hekk kif iddefinit fid-Deċiżjoni. Fir-rigward ta' "l-għajnuna ġenerali għal kull ettaru", il-ŻAU appoġġata fir-reġjun li jirċievi l-Għajnuna baqgħet stabbli ħafna matul il-perjodu ta' ħames snin (630 000-640 000 ettari), għalkemm it-tnaqqis fil-ŻAU, meta mqabbel mal-livell ta' referenza ta' qabel l-adeżjoni, kien sostanzjali (30 %). Għal "l-għajnuna għall-bdiewa żgħażaġh", ma hemmx livell massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli stabbiliti fid-Deċiżjoni u ma jista' jsir l-ebda tqabbil. Iż-żona ta' "ċerti għelejjel" qabżet in-numru massimu ta' ettari eliġibbli b'bejn madwar 15 % u 45 % matul il-perjodu 2011-2015 kollu. Il-produzzjoni żejda kienet dovuta l-aktar għal tibdil fis-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari ż-żieda fid-domanda għal għelejjel li fihom il-proteini, kif ukoll għall-għelejjel tal-qamħ eċċezzjonalment tajba fl-2011, 2014 u l-2015.

#### *Għajnuna oħra*

Il-produzzjoni tar-renni kienet ta' madwar 156 000 animal fl-2011 u kważi 157 000 animal fl-2015 wara tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' annimali fl-2013 u l-2014. In-numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli stabbiliti fid-Deċiżjoni ma nqabiżx. Il-parti li jifdal tal-għajnuniet l-oħra mhijiex direttament marbuta mal-produzzjoni.

#### *Konklużjonijiet dwar il-volumi ta' produzzjoni*

Bħala konklużjoni, il-produzzjoni totali tal-oqsma appoġġati żdiedet fiż-żona li tirċievi l-Għajnuna matul il-perjodu ta' rappurtar, u qabżet in-numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli għall-ħalib, għall-ortikultura u għal "ċerti għelejjel". Din il-produzzjoni żejda ma kienx sinifikanti u lanqas hija sistematika għall-ħalib, iżda sostanzjali u persistenti għal "ċerti għelejjel" matul il-perijodu ta' rappurtar. Il-Finlandja ħadet miżuri biex tnaqqas l-inċentiv għall-koltivazzjoni ta' ċerti għelejjel bit-tnaqqis taż-żona li tirċievi l-appoġġ minn 58 575 ettaru fl-2011 għal madwar 45 641 ettaru fl-2013.

#### **4.4. Żvilupp tal-ekonomija agrikola fir-reġjun tal-Għajnuna Nordika**

Fl-2014, fil-Finlandja, kien hemm 52 775 azjenda, li 57 % minnhom kienu fiż-żona li tirċievi l-Għajnuna; tnaqqis ta' 11 % mill-2010 madwar il-pajjiż kollu. Il-ŻAU baqgħet bejn wieħed u ieħor l-istess, filwaqt li n-numru ta' ettari għal kull azjenda żdied, li jindika aġġustament strutturali. L-iżvilupp strutturali kien simili fil-partijiet kollha tal-pajjiż, iżda fiż-żoni l-aktar

estremi tat-Tramuntana it-tnaqqis tan-numru ta' azjendi kien proporzjonalment inqas milli f'żoni oħra.

Fil-Finlandja, proporzjonalment, in-numru ta' azjendi ortikulturali naqas l-aktar (-35 %) fil-perjodu 2010-2014, segwit mill-azjendi tal-laħam tal-majjal (-31 %) u l-azjendi tal-ħalib (madwar -25 % fiż-żoni kollha ħlief għas-sottoreġjuni C2 u C4 li jirċievu l-għajjnuna Nordika, fejn it-tnaqqis kien ta' -18 %). In-numru ta' azjendi li jipproduċu l-laħam taċ-ċanga u l-azjendi taċ-ċereali kien pjuttost stabbli b'mod partikolari fir-reġjun li jirċievi l-għajjnuna Nordika u n-numru tal-azjendi tat-tjur żdied b'13 % b'mod partikolari fiż-żona C.

Id-dejta dwar il-produzzjoni u n-numri tal-azjendi tidher li tindika li l-produzzjoni hija ppreżervata fiż-żona ta' għajjnuna Nordika, inkluż iż-żoni l-aktar estremi tat-tramuntana. Analiżi ekonometrika tal-produzzjoni tal-ħalib miċ-ċentru ta' riċerka PTT (il-Finlandja) ikkonkludiet li l-għajjnuna Nordika żammet b'suċċess il-produzzjoni tal-produzzjoni tal-ħalib fir-reġjun ta' għajjnuna Nordika.

L-importanza tal-għajjnuna Nordika fid-dħul totali tal-azjendi agrikoli tvarja fost l-oqsma tal-produzzjoni u hija l-ogħla fil-produzzjoni tal-ħalib (minn 13 % sa 28 %) u l-inqas fil-produzzjoni taċ-ċereali (minn 3 % għal 7 %). L-importanza tal-għajjnuna tiżdied lejn it-tramuntana fl-oqsma kollha.

Il-kuntest ekonomiku kien diffiċli ħafna fil-pajjiż kollu. L-impjieġ naqas b'7.7 % fl-agrikoltura iżda mhux daqs in-numru tal-azjendi agrikoli (-11 %). L-impjieġ fl-agrikoltura huwa proporzjonalment ħafna iktar importanti fiż-żona ta' għajjnuna Nordika milli fil-bqija tal-Finlandja. Pereżempju, fiż-żona C2, is-sehem tal-agrikoltura mit-total tal-impjieġi huwa 10.2 % filwaqt li barra miż-żona ta' għajjnuna Nordika ċ-ċifra korrispondenti hija bejn 1.1 u 2.8 %. In-numru ta' impjieġi fl-industrija tal-ikel żdied fiż-żona ta' għajjnuna Nordika.

Bis-saħħa tal-kontinwità tal-produzzjoni agrikola fiż-żona li tirċievi l-Għajjnuna nżammu bosta servizzi ambjentali u pajsaġġ agrikolu miftuħ, xi ħaġa rari fir-reġjun. Dan l-iżvilupp jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-erożjoni u l-ixxugar tan-nutrijenti u għandu effett pożittiv fuq il-bijodiversità. Filwaqt li ż-żona totali ta' bur naqset fiż-żona ta' għajjnuna Nordika, iż-żona użata bħala bur għal aktar minn ħames snin wara xulxin żdiedet b'20 %. Dan huwa f'kuntrast man-Nofsinhar tal-Finlandja fejn iż-żona ta' dan it-tip naqset b'40 % matul l-istess perjodu.

## 5. GĦAJNUNA NORDIKA FL-IŻVEZJA 2011-2015

### 5.1. Awtorizzazzjonijiet mogħtija

B'segwitu tal-perjodu ta' ħames snin l-Iżvezja kienet awtorizzata tħallas SEK 318.67 miljun/sena (EUR 35.41 miljun). Mill-1 ta' Lulju 2010, id-Deċiżjoni C(2010)6050 awtorizzat lill-Iżvezja tħallas l-ghajjnuna kif jidher fit-Tabella 4 hawn taħt.

**Tabella 4: Ghajjnuna awtorizzata/sena f'konformità mad-Deċiżjoni C(2010)6050 u massimu matul il-perjodu 2011-2015**

		Ghajjnuna medja massima permessa/unità 1)		Unità	Ghajjnuna massima permessa 2) (SEK miljun/sena)		Numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli	
			<i>Massimu 2011-2015</i>			<i>Massimu 2011-2015</i>		<i>Massimu 2011-2015</i>
1. Qasam tal-ħalib					293.00	288.87	450 000 tunnellata	394 464 tunnellata
-Ħalib tal-baqra tat-taħlib		0.73	0.70	SEK/kg				
-Mogħoż	3)	500	466	SEK/ras				
-Ghajjnuna għat-trasport tal-ħalib tal-baqar tat-taħlib	4)	0.039	0.038	SEK/kg				
2. Ħnieżer u tjur	5)	1 350	1 347	SEK/LU	17.94	15.91	16 532 LU	11 982 LU
-Ħnieżer għall-qatla -Ħnieżer nisa -Tiġieġ tal-bajd								
3. Frott artab u ħxejjex	6)	2 800	2 761	SEK/ettaru	2.03	1.03	750 ettaru	374 ettaru
4. Patata		2 500	2 216	SEK/ettaru	5.7	4.23	2 910 ettaru	1 908 ettaru

- 1) L-ghajjnuna għal kull unità tista' tkun differenzjata skont ir-reġjun fil-limiti tal-medja massima.
- 2) Ghajjnuna massima permessa: SEK 318.67 miljun.
- 3) Mogħoż biss użati għall-produzzjoni tal-ħalib. Il-produzzjoni tal-ħalib hija stmata għal 800 kg ta' ħalib għal kull mogħża fis-sena.
- 4) Bejn l-azjenda agrikola u ċ-ċentru tal-ġbir jew l-ewwel ċentru ta' pproċessar.

- 5) Fejn tiġieġa li tbiid hija 0.01 LU, ħanżira hija 0.33 LU u ħanżir għall-qatla huwa 0.10 LU.
- 6) Patata eskluża.

## 5.2. Ghajjnuna mogħtija

### Ghajjnuna Nordika

L-ammonti totali annwali mħallsa bħala Ghajjnuna varjaw bejn SEK 298.08–305.45 miljun (EUR 33.12–33.94 miljun) matul il-perjodu (Tabella 5). L-ghajjnuna mogħtija għalhekk baqgħet bilanċjata ħafna matul il-perjodu b'varjazzjonijiet żgħar bejn sena u oħra.

**Tabella 5: Ghajjnuna Nordika skont is-settur, MSEK**

Qasam appoġġat	2011	2012	2013	2014	2015
Ħalib <sup>1</sup>	281.14	286.03	285.77	288.87	287.12
Ħnieżer, tjur	15.91	13.75	12.31	12.13	12.60
Frott artab, ħaxix, patata inkluża	1.03	1.03	4.80	4.45	4.18
<b>Totali</b>	<b>298.08</b>	<b>300.81</b>	<b>302.88</b>	<b>305.45</b>	<b>303.90</b>

<sup>1</sup> Inkluż l-appoġġ għall-ħalib tal-moghħa u għat-trasport.

Minn dan il-konklużjoni hi li l-ghajjnuna Nordika annwali mogħtija fl-Iżvezja dejjem irrispettat l-ghajjnuna massima permessa mid-Deċiżjonijiet.

### Appoġġ totali fiż-żona tal-ghajjnuna Nordika

L-agrikoltura fiż-żoni tal-iskema ta' Ghajjnuna jistgħu jibbenefikaw wkoll mill-istrumenti ffinanzjati mill-UE, b'mod partikolari miż-żewġ pilastru fil-kuntest tal-PAK (Tabella 6). Mill-miżuri tat-tieni pilastru, l-appoġġ għal żoni żvantaġġjati (LFA) u l-miżuri agroambjentali (AE) għandhom importanza partikolari. Fid-Deċiżjoni C(2010)6050, mhemmx iffissat limitu ta' appoġġ totali għar-reġjun li jirċievi l-Ghajjnuna. Permezz tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020, tista' ssir applikazzjoni għall-appoġġ għan-newb il-bwar għal barra miż-żoni b'limitazzjonijiet naturali biss (dawk li qabel kienu LFA). Il-pagamenti għal appoġġ ambjentali għan-newb il-bwar f'żoni b'limitazzjonijiet naturali għalhekk se jonqsu u jiġu fix-xejn fl-2018. Segwitu *ex post* tal-livell tal-ghajjnuna tal-UE ilu jseħħ sa mill-2003.

**Tabella 6: Sommarju tal-ghajjnuna mogħtija fl-Iżvezja, inkluż l-ghajjnuna Komunitarja, MSEK**

Tip ta' ghajjnuna	2011	2012	2013	2014	2015
Pagament ta' kumpens (LFA)	307.01	312.83	301.95	299.36	617*
Appoġġ AE (newb il-bwar)	295.44	297.13	293.62	287.65	32.46*
Ghajjnuna Nordika <sup>8</sup>	<b>298.08</b>	<b>300.81</b>	<b>302.88</b>	<b>305.45</b>	303.90
<b>Totali</b>	<b>900.53</b>	<b>910.77</b>	<b>898.45</b>	<b>892.46</b>	<b>953.36</b>

\* Pronjożi bbażata fuq pagamenti parzjali finalizzati.

<sup>8</sup> Livell ta' referenza: 318.67 mSEK

L-appoġġ totali kkombinat ivarja minn sena għal sena iżda ma jsegwix xejra konsistenti u ilu fl-istess firxa sa mill-1997.

### **5.3. Volumi ta' produzzjoni fiż-żona li tirċievi l-Għajnuna**

#### *Qasam tal-ħalib*

Matul il-perjodu 2011–2015, l-ammont medju mħallas għall-produzzjoni ta' ħalib tal-baqra kien ta' 267 miljuni ta' SEK kull sena. Il-produzzjoni tal-ħalib fiż-żona sussidjata tikkorrispondi għal 13 % tal-produzzjoni totali fl-Iżvezja. Kien hemm inqas azjendi agrikoli tal-ħalib fiż-żona fl-2015 (795) meta mqabbel mal-2011 (999), iżda n-numru ta' baqar baqa' stabbli bi ftit varjazzjonijiet minuri matul il-ħames snin.

Il-ħalib huwa l-uniku qasam ta' produzzjoni kopert mill-Għajnuna Nordika li ra żieda bi 2.7 % fil-produzzjoni matul il-perjodu ta' ħames snin. Il-produzzjoni żdiedet sal-2014, wara li laħqet l-iktar livell baxx fl-2011, biex għal darba oħra tonqos fl-2015. L-appoġġ għat-trasport tħallas għal bejn 7 u 9 azjendi tal-ħalib għal medja ta' 386 202 tunnellata fis-sena.

#### *Ħnieżer u tjur*

Il-produzzjoni tal-ħnieżer baqgħet stabbli u ferm taħt in-numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli. Bejn l-2011 u l-2013 kien hemm tnaqqis drastiku fin-numru ta' ħnieżer għall-qatla, iżda mill-2013 in-numru kien qed jikber iżda xorta mingħajr ma laħaq il-kwantitajiet tal-2011. Fattur wieħed diffiċli għall-produtturi tal-majjali fit-Tramuntana tal-Iżvezja huwa n-numru żgħir ta' biċċeriji. Dan jimplika distanzi twal mill-azjenda sal-biċċerija u jnaqqas il-possibiltajiet għall-bdiewa biex jagħżlu fejn jikkunsinjaw il-bhejjem tagħhom u jinneogzjaw prezzijiet tal-qatla. Fir-rigward ta' ħnieżer nisa għall-produzzjoni tal-ħnienes, in-numru ta' azjendi agrikoli u ħnieżer nisa qed jonqos, għalkemm tabilħaqq in-numri żdiedu fl-2015. Is-somma tal-pagamenti turi varjazzjonijiet żgħar matul il-perjodu ta' ħames snin u baqgħet taħt il-livelli massimi permessi.

Għal dik li hija produzzjoni tal-bajd, ħarsa tul perjodu ta' ħames snin turi li hemm tendenza ta' tnaqqis fin-numru ta' azjendi u ta' tiġieġ li jirċievu appoġġ kif ukoll fl-ammonti mħallsa tul is-snin.

#### *Frott artab u ħxejjex*

Bejn 94 u 103 azjendi li jipproduċu frott artab u ħxejjex irċeview appoġġ fuq bażi ta' kull sena, b'żona medja koperta ta' 360 ettaru. Iż-żona varjat madwar dawn il-livelli matul l-aħħar ħames snin, u tinsab madwar nofs in-numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli.

#### *Konklużjonijiet dwar il-volumi ta' produzzjoni*

Fir-rigward tal-ħalib, il-volumi ta' produzzjoni żdiedu bi ftit matul il-perjodu ta' ħames snin. L-oqsma l-oħra baqgħu relattivament stabbli għalkemm il-produzzjoni tvarja minn sena għal sena. L-oqsma kollha jinsabu ferm taħt l-għadd massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli.

### **5.4. Żvilupp tal-ekonomija agrikola fir-reġjun li jirċievi l-Għajnuna**

Iż-żona tal-Iżvezja li tirċievi l-Għajnuna għandha densità baxxa ta' popolazzjoni li dejjem qed tonqos, limitazzjonijiet fil-potenzjal għall-iżviluppi ekonomiċi u kundizzjonijiet ħżiena għall-agrikoltura. L-istruttura tal-azjendi hija kkaratterizzata minn ħbula art iżgħar, aktar mifruxa u irregolari mis-sitwazzjoni medja fl-Iżvezja. Dan iwassal biex l-ispejjeż ikunu oġhla, ukoll għat-trasport minn azjenda għal oħra minħabba d-distanzi bejn dawn il-ħbula art. Għall-kontej tat-Tramuntana estrema koperti bl-iskema tal-Għajnuna Nordika, is-sehem tal-produzzjoni nazzjonali (f<sup>o</sup>GRP) juri xejra ta' tnaqqis mill-1995 'l hawn.

Il-prodott agrikolu ewlieni fiż-żona huwa l-ħalib li jwassal għal 13 % tal-produzzjoni tal-ħalib totali fl-Iżvezja. In-numru ta' produttori naqas mill-2011 sal-2015 filwaqt li n-numru ta' baqar baqa' stabbli, għalkemm bi żvilupp inugwali ġewwa ż-żona sussidjata. Il-ħalib huwa l-uniku qasam ta' produzzjoni kopert mill-iskema ta' appoġġ li wera żieda. Fl-2015 il-produzzjoni tal-ħalib kienet ta' 10 000 tunnellata oġġla meta mqabbla mal-2011. Id-dħul tal-azjendi tal-bdiewa tal-ħalib naqas f'dan il-perjodu.

Fiż-żona li tirċievi l-Għajnuna, u li hija ddominata mill-foresti, l-art użata għall-produzzjoni agrikola tikkontribwixxi għall-ħarsien ta' pajsaġġ miftuħ li jiffavorixxi l-bijodiversità. Il-prattiki agrikoli fiż-żoni li jirċievu l-appoġġ huma kkaratterizzati minn produzzjoni inqas intensiva u l-għelieqi huma ddedikati prinċipalment għat-tħawwil ta' ħaxix u għall-mergħat. Dawn normalment iserrħu fuq livell aktar baxx ta' użu ta' pestiċidi u fertilizzanti. Għalhekk l-impatt ambjentali huwa anqas mill-impatt ta' attivitajiet agrikoli f'partijiet oħra tal-pajjiż.

Mill-1990 'l hawn l-appoġġ għall-iżvilupp tal-popolazzjoni tar-reġjun kien negattiv bi tnaqqis ta' 3 %, meta mqabbel ma' żieda fil-popolazzjoni fil-bqija tal-Iżvezja (18 %).

## 6. KONKLUŻJONIJIET

Dan ir-rapport jagħti rendikont tal-awtorizzazzjonijiet tal-għajnuna Nordika mogħtija lill-Finlandja u l-Iżvezja fil-perjodu 2011-2015 u tar-riżultati miksuba. Dan ir-rapport tfassal abbażi tad-dejta mogħtija mill-awtoritajiet tal-Istat Membru skont l-Artikolu 143(2) tal-Att ta' Adeżjoni.

### 6.1. Il-Finlandja

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna Nordika għall-Finlandja, il-Kummissjoni tinnota li:

1. *Konformità mal-għajnuna massima permessa mill-awtorizzazzjonijiet tal-Kummissjoni:* matul il-perjodu 2011-2015 l-ammonti totali ta' għajnuna mħallsa u l-appoġġ totali fiż-żona li tirċievi l-għajnuna Nordika kienu konformi mal-għajnuna massima permessa awtorizzata fid-Deċiżjoni C(2009)3067, kif emendata, b'eċċezzjoni minuri waħda fl-2014.
2. *Konformità man-numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli:* il-produzzjoni totali fiż-żona li tirċievi l-Għajnuna qabżet in-numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli għall-ħalib, u għal "ċerti għelejjel". Sabiex jiġi evitat li jinqabżu l-ammonti totali rispettivi tal-pagamenti awtorizzati, il-Finlandja applikat tnaqqis *pro-rata* tal-pagament għal kull unità ta' fattur ta' produzzjoni u fil-każ tal-għajnuna għal "ċerti għelejjel" naqqset iż-żona eliġibbli. Din is-sistema żgurat li l-obbligu tal-pajjiż fir-rigward tal-ammonti totali massimi tal-għajnuna mħallsa jkun dejjem rispettata, iżda t-tnaqqis *pro-rata* ma waqqafx l-għajnuna milli tiġi estiża, għalkemm flivell imnaqqas, għall-produzzjoni eliġibbli kollha.
3. *Ksib tal-obbjettivi tal-iskema ta' għajnuna:* b'mod ġenerali, l-Għajnuna fil-Finlandja kkontribwixxiet għaż-żamma tal-livelli ta' produzzjoni fiż-żona u għaż-żamma tal-impjeg fl-agrikoltura. Minkejja kundizzjonijiet ta' produzzjoni inqas favorevoli, xi oqsma ta' produzzjoni żviluppaw aħjar minn barra ż-żona ta' Għajnuna fil-Finlandja. Madankollu, kompliet il-bidla fil-produzzjoni lejn in-Nofsinar fi ħdan iż-żona tal-Għajnuna, minkejja li n-numru ta' azjendi tal-ħalib u taċ-ċanga naqas proporzjonalment fiż-żoni l-aktar estremi tat-Tramuntana. L-implimentazzjoni tal-

iskema u l-kriterji applikati biex l-Għajnuna tiġi differenzjata għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss biex jiġi kkunsidrat jekk għandux jiġi aġġustat l-appoġġ.

## 6.2. L-Iżvezja

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna Nordika għall-Iżvezja, il-Kummissjoni tinnota li:

1. *Konformità mal-għajnuna massima permessa mill-awtorizzazzjonijiet tal-Kummissjoni:* l-ammonti totali tal-għajnuna Nordika mħallsa matul il-perjodu 2011-2015 irrispettaw il-limitu stabbilit għall-għajnuna massima permessa awtorizzata fid-Deċiżjonijiet 96/228/KE u C(2010)6050.
2. *Konformità man-numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli:* in-numru massimu ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli li jirċievu l-għajnuna kien irrispettat fl-oqsma kollha li jirċievu l-għajnuna Nordika.
3. *Ksib tal-obiettivi tal-iskema ta' għajnuna:* wara r-reviżjoni tal-iskema fl-2010, l-Għajnuna mogħtija fl-Iżvezja għall-qasam ewlieni tal-ħalib ippermettiet li jinżamm il-livell ta' produzzjoni matul il-perjodu 2011–2015. Għall-oqsma l-oħra appoġġati, il-produzzjoni jew baqgħet stabbli jew naqset bi ftit. Id-Deċiżjoni riveduta C(2010)6050 pprovdiet aktar flessibilità għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna u dan ikkontribwixxa biex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tagħha, għalkemm l-appoġġ jista' jtaffi parzjalment biss ir-restrizzjonijiet tal-produzzjoni agrikola fiż-żona ta' appoġġ.

Għaż-żewġ pajjiżi, il-kontinwazzjoni tal-produzzjoni agrikola tikkontribwixxi għaż-żamma ta' pajsaġġ miftuħ u ġestit sew fiż-żona li tirċievi l-għajnuna Nordika ddominata mill-foresti. Iż-żamma ta' pajsaġġ miftuħ hija tajba għall-biodiversità u għas-sbuħija tal-pajsaġġ. Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet applikaw id-Deċiżjoni 2002/404/KE u d-Deċiżjoni C(2009)3067, fir-rigward tal-Finlandja, u d-Deċiżjoni 96/228/KE u C(2010)6050, fir-rigward tal-Iżvezja, dwar l-għajnuna lir-regġuni tat-Tramuntana b'mod sodisfaċenti.